MINUTI

# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

IT-TMIEN LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 20/2020**

**Il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2020**

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.15 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Dott. Marlene Cini – Viċi Sindku
Is-Sur Daniel Cordina - Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sur Baskal Saliba - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

**ASSENTI:**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Is-Sur Neville Galea – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku s-Sur Nicky Saliba.

### 20.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

20.1.1 Il-membri kollha kienu preżenti għal-laqgħa.

### 20.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

20.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 18/2020 u tal-laqgħa b'urġenza nru: 19/2020 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

20.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm għall-minuti.

20.2.3 Ma' kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

20.2.4 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti nru. 18/2020 u 19/2020, u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra, jew li ser jastjenu. Kulħadd kien favur u dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 20.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

20.3.1 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba beda billi rringrazzja lil Alla li l-festa ta' din is-sena għaddiet b'wiċċ il-ġid u qal li bħala Kunsill u bħala Parroċċa għamlu dak li setgħu. Hu rringrazzja lil dawk kollha li għenu biex saret il-festa ta' din is-sena, avolja f'forma ridotta.

20.3.2 Is-Sindku informa li l-Kunsill li saret il-laqgħa mar-*Radicalisation Unit* tal-Pulizija flimkien ma' l-FSWS rigward is-sitwazzjoni tal-persuni barranin ġewwa Marsalforn. Attendew għal din il-laqgħa s-Sindku, s-Sinjura Sandra Grech u s-Segretarju Eżekuttiv. Hu tenna li waqt din il-laqgħa ġew diskussi l-problemi li hemm ġewwa Marsalforn in ġenerali.

20.3.3 Is-Sindku, s-Sur Nicky Saliba tenna li waqt din il-laqgħa qed jerġa jitlob biex il-laqgħat tal-Kunsill jerġgħu jibdew isiru onlajn. Hu staqsa għal-liema raġuni l-laqgħat tar-Reġjun Għawdex isiru onlajn u l-Kunsill ma

jistax. Is-Sur Daniel Cordina wieġeb li jaqbel mas-Sur Sindku u li hu sa anke bagħat lid-Direttur tad-Dipartiment u anke lil Ministru l-Onor. Jose' Herrera. Is-Sindku tenna li jekk tiggrava s-sitwazzjoni, hu jkun l-ewwel wieħed li ma jattendix għal-laqgħa, minħabba l-fatt li hu persuna vulnerabli.

20.3.4 Is-Sindku informa lil dawk preżenti l-Kunsill irċieva ittra uffiċċjali bil-Qorti mingħand Elmo Insurance Ltd. dwar inċident ta' siġra li waqgħet fuq karozza f'Awissu 2019, u milli jidher din ġiet fuq karozza, biex il-Kunsill iħallas s-somma ta' madwar €10,760. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dan l-ilment kien intbagħat lil Ministeru għal Għawdex billi l-*parking* jaqa' taħtu. Is-Segretarju Eżekuttiv tenna li l-Kunsill qatt ma kien infurmat li din is-siġra waqgħet fuq xi karozza. Is-Sindku tenna li l-Kunsill irrisponda għal din l-ittra bl-Avukat tal-Kunsill.

20.3.5 Is-Sindku informa lil Kunsill li l-ġurnata ta' qabel kien hemm l-appell tas-Sur Kenneth Cutajar (PA 5514/19 & APP 474/19). Dan ġie differit għal-24 ta' Novembru 2020. Hu kompla billi qal li dakinhar kien hemm ukoll l-appell fuq l-applikazzjoni ta' żvilupp tas-Sur Karistu Grech (PA 8021/19 & APP 106/20), li dan il-każ ġie differit għas-26 ta' Novembru 2020. Hu kompla billi qal li bħalma dejjem tenna, il-Kunsill joqgħod għad-deċiżjoni tal-Bord tal-Awtorita' tal-Ippjanar. Kien hemm qbil.

20.3.6 Is-Sindku informa lil dawk preżenti li r-Reġjun Għawdex organizza laqgħa mal-MTA fuq il-problema ta' l-iskart madwar Għawdex. Hu tenna li bħala Sindku tal-lokalita' taż-Żebbuġ u Marsalforn, hu tkellem fuq il-problemi li l-Kunsill qed jaffaċċja, speċjalment ġewwa Marsalforn, u fuq il-problema ta' l-iskart tal-ħwienet. Hu qal li reġa' ssuġġerixxa biex ir-ristoranti jħallsu xi ħaġa lill-Kunsill, u l-Kunsill jieħu ħsieb li jiġbor dan l-iskart ukoll. Dan peress li bħalma ġara din is-sena, il-Kunsill xorta qed jispiċċa jiġbru hu bħalma ġara l-Ħadd ta' qabel, b'dak id-diżastru ta' kartun li ntefa' ħdejn il-*bring-in site* tal-Qbajjar. Hu tenna li ma kien jafx li l-*camera* nħarqet, imma issa reġgħet tranġat u qed taħdem normali. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini ssuġġeriet jekk il-Kunsill jistax jitkellem mad-Dipartiment u jiċċekkja jekk il-Kunsill jistax jagħmilha ta' medjatur bejn kuntrattur u r-ristoranti. Is-Sindku qal kulħadd jipprova jiffranka lira, imma min-naħħa l-oħra kulħadd qed jispiċċa jbati.

20.3.7 Is-Sindku informa li bħalissa Triq Dun Franġisk Stivala tinsab magħluqa. Hu qal li s-Sinjura M. Said applikat biex tibni fil-kantuniera f'din it-triq u l-permess ħarġilha b'kundizzjoni li trid issir trinka biex tgħaddi l-*cables* tad-dawl minn ġo fiha. Safrattant, meta marru biex jagħmlu din it-trinka barra l-binja, sabu l-*main* il-kbir tad-drenaġġ għaddej minn ġol-proprjeta' tagħha. Hu kompla billi qal li l-applikanta iltaqgħet mal Inġinier tad-Drenaġġ u ftehmu biex tittranġa l-katusa biex b'hekk ikun jista' jsir dan il-*culvert*. Il-Kunsill ircieva l-permess min-naħħa tal-Water Services Corporation biex isir din it-trinka. Hu tenna li l-Kunsill ma kienx jaf li ħa ssir din it-trinka qabel, imma sabu kompromess u t-triq se tittranġa min-naħħa tal-Water Services Corporation.

20.3.8 Rigward il-Latrina Pubblika tax-Xwejni, is-Sindku informa lil dawk preżenti li l-Kunsill irċieva ċ-ċertifikat tal-*compliance* min-naħħa tal-PA ukoll. Hu tenna li fil-ġranet li għaddew iltaqa' ma' uffiċċjali tal-Water Services Corporation u ma' l-Enemalta. Hu qal li suppost il-ġimgħa d-dieħla għandhom jagħtuna d-dawl u l-ilma.

20.3.9 Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba rringrazzja lil Ministru għal Għawdex l-Onor Clint Camilleri tax-xogħlijiet li qed isiru fit-triq bejn iż-Żebbuġ u l-Għasri. Issuġġerixxa biex kif inhuma fil-venja, il-Kunsill jagħmel talba urġenti u jirranġaw ukoll il-kalati li hemm fi Triq iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil.

## 20.4 Aġġornament Proġetti b'fondi mid-DPF

20.4.1 Is-Sindku tenna li kif jaf kulħadd kienet saret il-laqgħa mal-kuntratturi u mal-Perit tal-Kunsill. Hu informa li r-rappreżentant ta' *PRAX Concrete Ltd* ma' għadux jaħdem magħhom. Hu informa li s-siġar tmexxew, taħt is-superviżjoni tas-Sur Joseph Bonello u kien hemm is-Sur Anthony Borg igħinu biex jirfed. Hu tenna li l-iskola talbet lil Kunsill biex fejn hemm il-*Kindergarden* tat-tfal issir rampa minn wara, ħalli t-tfal iż-żgħar joħorġu minn hemm u mhux minn joħorġu dirett għal ġot-triq. Is-Sindku tenna li l-Perit issuġġerixxa biex il-ħajt ta' l-iskola jsir *green wall*, kollu aħdar biex hekk il-Kunsill ikun jista' jieħu d-90 fil-mija tal-fondi. Il-Viċi Sindku Dott Marlene Cini tenniet li hekk jiġi sabiħ ukoll. Kien hemm qbil minn dawk preżenti. Is-Sindku kompla billi informa li l-ġurnata ta' qabel saru l-livelli u l-kuntrattur wiegħed li

sakemm tibda l-iskola l-*blinding* għandu jkun lest. Fuq il-belvedere ta' Marsalforn ittieħdu l-livelli jiex jingħaddu lil Perit tal-Kunsill.

20.4.2 Is-Sindku nforma ukoll li nħarġu t-*tenders* tad-dawl u tar-*railing* ġewwa Marsalforn kif indikat hawn taħt:

- [ZGLC/05/2020] *Tender for the Supply and installation of Decorative Luminaires in Triq Għar Qawqla, Marsalforn;*
- [ZGLC/06/2020] *Tender for the Supply and installation of Decorative Luminaires in Triq il-Wied, Marsalforn;*
- [ZGLC/07/2020] *Tender for the Supply and installation of Decorative Luminaires in Triq id-Duluri, Marsalforn;*
- [ZGLC/08/2020] *Tender for the Supply and Installation of Decorative Luminaires in Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn;*
- [ZGLC/09/2020] *Tender for the Supply and Installation of Decorative Luminaires in Triq Santa Marija , Marsalforn;* u
- [ZGLC/10/2020] *Tender for the Removal of Existing Railing and Installation of a new PVC Railing at Triq Għar Qawqla, Marsalforn.*

Hu informa li dawn it-*tenders* se jagħlqu fl-aħħar tax-xahar ta' Settembru. Kien hemm qbil li l-membri tal-bord tal-evalwazzjoni fit-*tenders* tad-dawl jkunu dawk tas-soltu: Is-Sur William Sultana, l-Inġinier Mario Cauchi, is-Sur Daniel Galea, l-Avukat Joshua Grech, u bħala Segretarju tal-bord, ikun l-istess Segretarju Eżekuttiv. Filwaqt li fit-tender tar-*railing* ikun preżenti l-Perit tal-Kunsill is-Sur Edward Scerri flok l-Inġinier Mario Cauchi. Is-Sur Daniel Cordina tenna li importanti li l-Kunsill ikun bil-ħabel f'idejh, ħalli proġett jitlesta fil-ħin li suppost.

## 20.5 Rapport Finanzjarju tat-Tlett Xhur: April 2020 – Ġunju 2020

20.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda tal-kamra r-rapport finanzjarju tat-tlett xhur mill-1 ta' April 2020 sat-30 ta' Ġunju 2020. Hu informa li l-livell tal-FSI qiegħed temporanjament fil-livell ta' 2%. Il-Viċi Sindku staqsiet jekk baqax dejn. Is-Segretarju Eżekuttiv tenna li importanti li niftakru li fadal kontijiet pendenti x'jitħallsu, imma f'dan ir-rapport l-FSI huwa posittiv. Dan ir-rapport finanzjarju ġie approvat unaniment mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 20.6 Mistoqsijiet/Suġġerimenti mill-Kunsilliera.

20.6.1 Il-Viċi Sindku Dott. Marlene Cini ressqet dawn il-punti:

- Ressqet talba mingħand is-Sur J. Cini, biex issir talba għal mera' ħdejn l-għajn fi Triq il-Mitħna, ż-Żebbuġ għax kemm il-darba jkunu se jaħbtu. Is-Sindku qal li jibża li kulħadd ikun irid mera' biex jidħol ġol-garaxx. Ma' kienx hemm qbil minn dawk preżenti.
- Ressqet talba mingħand is-Sur R. Refalo, biex isiru *double yellow lines* mal-ħajt indikat fi Triq Barda, Marsalforn. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li jerġa jintbagħat *reminder* lil Transport Malta.
- Ressqet talba għal *reserved disabled parking* mingħand is-Sur J. Cini, it-tifel tas-Sur C. Cini, fi Triq il-Lampuka ż-Żebbuġ. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex din it-talba tintbagħat lil Transport Malta.
- Ressqet talba mingħand is-Sa. O. Gatt biex jinbidel il-bank li hemm fi Triq is-Sajjied, Marsalforn. Kien hemm qbil biex il-Kunsill jara x'għandu bankijiet disponibbli, u dan il-bank jinbidel.
- Ressqet talba mingħand diversi residenti biex il-Kunsill jagħmel talba lil Transport Malta għal *double yellow line* mal-kantuniera tar-residenza Arjuża, Triq Għajn Mhelhel, Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill kien ġa għamel talba biex isiru sinjali u tabelli ġodda fit-triq kollha wara li tlestiet din it-triq. Kien hemm qbil li jerġa jintbagħat *reminder* lil Transport Malta.
- Ressqet talba mingħand F. Buhagiar, biex issir *spot light* fuq iż-*zebra crossing* li hemm fi Triq il-Qbajjar, Marsalforn. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jiċċekja jekk tistax issir waħda bil-pannella. Kien hemm qbil.
- Ressqet talba mingħand is-Sur G. Cefai, biex isir *culvert* għall-ilma tax-xita fi Triq Skapuċċina, it-triq wara l-*playingfield*. Kien hemm qbil li l-Kunsill jieħu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill.
- Ressqet talba mingħand Mons. J. Vella Gauci obo FSWS Għawdex biex jitwessa' l-*culvert* li hemm eżistenti ħdejn l-uffiċini tal-FSWS fi Triq Barda. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat lil Perit jara fuq il-post.
- Ressqet talba mingħand is-Sur S. Sant rigward il-*culvert* fi Sqaq fi Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, faċċata ta' Triq Għażżiela. Is-Sindku wieġeb li ġa ltaqa' fuq il-post ma' diversi residenti, kif ukoll mal-Perit tal-Kunsill u s-Sur G. Agius min-naħħa tal-Ministeru għal Għawdex. Hu tenna li l-Kunsill ġa għamel talba lil Ministeru għal

Għawdex fuq dawn ix-xogħlijiet, imma għandhom bżonn stima tax-xogħlijiet. Hu tenna li skond il-Perit irid isir *survey* min-naħħa tal-Kunsill, u hekk tkun tista' tinħareġ stima tax-xogħlijiet. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

- Ressqet talba mingħand is-Sur J. Calascione, rigward qtugħ ta' ħaxixi ħażin fi Triq taċ-Ċaqra, ż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li sa fejn jaf hu il-ħaxix ħażin ta' dik it-triq inqata fil-jiem li għaddew.
- Talbet aġġornament fuq il-Latrina tax-Xwejni. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Talbet aġġornament fuq il-*Playingfield* taż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li din it-tema ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Talbet aġġornament fuq Triq Għajn Mhelhel. Is-Sindku wieġeb li ġa għamel kuntatt mal-Perit biex joħroġ il-kont tax-xogħlijiet ta' din it-triq.
- Talbet aġġornament fuq il-Ħofra tat-Torok. Is-Sindku tenna li mar fuq il-post mas-Sur Richard Axiaq. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jfakkru.
- Talbet aġġornament fuq it-Tender tal-Ħitan tas-Sejjiegħ. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din il-ġimgħa l-Perit tal-Kunsill bagħat l-BOQs emendati, fejn naqqas il-*cubic metres* u għola r-rati. Issa kemm il-Kunsill jibgħat iċ-*Change Request Form* lil *Managing Authority.*
- Ippproponiet biex waqt il-ħinijiet tal-iskola, ikun hemm żewġ pulizija għall-immaniġjar aħjar tat-traffiku. Is-Sur Baskal Saliba tenna li hu kien talab għal *traffic management* ukoll. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jibgħat talba lill-Pulizija. Kien hemm qbil.
- Issuġġeriet biex il-Kunsill japplika għall-iskema li ħarġet fiċ-Ċirkulari Numru SPI/SCI/3/2020. Is-Sindku wieġeb li din se tiġi diskussa waqt il-Korrispondenza.

20.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Cordina ressaq dawn il-punti:

- Talab biex issir tabella 'T' *Cul De Suc* fi Triq il-Ponta fil-parti fejn it-triq ma' tinfidx. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li l-Kunsill jibgħat talba lil Transport Malta
- Talab għal żewġ mirjiet fi Triq ir-Rabat biex min ikun ħiereġ minn Triq il-Wied u minn triq oħra li tintuża mill-bdiewa ħdejn l-istess triq, jkun jista' jara x'vetturi ġejjin. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat talba lil Transport Malta.
- Semma diversi triqat li huma fi stat diżastruż bħal Triq Santa

Marija, Triq Manuel Magro, Triq Barda, Triq in-Naħla u Triq il-Qbajjar. Is-Sindku tenna li l-Ħadd ta' qabel ċempillu wieħed fis-12.45 ta' filgħodu li waqa' fl-art fi Triq Santa Marija. Is-Sur Daniel Cordina staqsa jekk il-Kunsill irċeviex xi risposta wara l-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Ministru għal Għawdex. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb fin-negattiv. Is-Sur Cordina tenna li l-poplu taż-Żebbuġ għandu jkun infurmat li l-Kunsill iltaqa' mal-Ministru għal Għawdex u li Triq Santa Marija kienet se tkun prijorita'. Hu qal li fakkar li t-toroq hu taħt ir-responsabbililta' tal-Ministeru għal Għawdex.

- Is-Sur Cordina rringrazzja lil Ministeru għal Għawdex għall-proġett tal-Menqa. Hu informa lil dawk preżenti li daħlulu ilmenti li quddiem il-Menqa, fejn hemm ir-rampa tad-*disabled* u t-taraġ, huwa miftuħ, u wara l-ewwel maltempa minn faċċata tista' ssir ħafna ħsara u hekk id-dgħajjes jista' jispiċċew fil-baħar. Issuġġerixxa li ssir ċertu molla li titpoġġa biex tilqa' biex l-ilma ma' jitlax.
- Hu tenna li waslitlu informazzjoni li saret laqgħa il-Ministeru fuq it-tkomplija tal-proġett fi Triq il-Port. Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv tennew li l-Kunsill ma kienx infurmati. Hu tenna li jekk vera saret din il-laqgħa ma jaħsibx li hu ġust mal-Kunsill li ma jkunx mistieden, għax matul l-proġett, in-nies il-Kunsill iċemplu fuq ilmenti.
- Tenna li wasal iż-żmien li tittieħed deċiżjoni fuq toroq bħalma huma Triq iż-Żebbuġ u parti minn Triq il-Ponta. Hu qal li jixtieq li jkun hemm *timeframes*, speċjalment rigward il-kalati fi Triq iz-Zebbuġ. Hu tenna li hemm bżonn aktar pressjoni fuq il-Ministeru għal Għawdex.
- Rigward il-każ ta' l-iskart li ntefa' ħdejn il-*bring-in site* tal-Qbajjar, irringrazzja lis-Sindku talli għamel dak kollu li seta' biex issolva dan il-każ. Hu qal li pero hu disgustanti li jkollok data jew informazzjoni mill-Kunsill u toħroġ fil-beraħ, speċjalment fuq il-medja soċjali. Hu qal li data u informazzjoni bħal din għandha tibqa' fil-Kunsill Lokali. Il-Kunsilliera għandhom ikunu responsabbli biżżejjed biex ma' jsirx hekk. Sfortunatemant il-*camera* nħarqet b'sajjetta imma illum qed taħdem. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li skond ir-rapport tal-kuntrattur il-*camera* *inħarqet* għall-ħabta tas-2pm kawża ta' sajjetta.
- Talab aġġornament fuq ilment mis-Sur M. Debono fuq il-bankini ta' Triq ix-Xagħra. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jiċċekkja mal-Perit,

jekk dawn il-bankini jistgħux jsiru mill-fondi tal-DPF.

- Issuġġerixxa biex isir *double yellow line* fil-kantuniera kerha ftit l-isfel mill-entratura għal-Ġnien tat-Tlett Għoljiet fi Triq ix-Xagħra. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.
- Issuġġerixxi biex imqar darba f'ġimgħa jintbagħat ħaddiem jiknes ħdejn is-salini tal-melħ. Hu tenna li ġieli sid is-salini t'hemm joqgħod jiknes u jnaddaf hu. Kien hemm qbil.
- Informa lil dawk preżenti li għandu informazzjoni li l-*bar* li għalaq, ħdejn Triq id-Duluri ġewwa Marsalforn, se jerġa' jiftaħ fil-jiem li ġejjin. Hu kompla li importanti li l-Kunsill ikun *aware* fuq dan u fuq il-permessi li jingħataw.
- Issuġġerixxa inizzjattiva biex il-Kunsill jixtri *face masks* bl-arma tal-Kunsill Lokali u jitqassmu mar-residenti. Is-Sur Sindku tenna li jaqbel u l-Kunsill għandu jġib stima. Bħala kulur kien hemm qbil li jkunu suwed u bl-arma tal-Kunsill.
- Għamel suġġeriment biex imqar fix-xahar ta' Awwissu f'ċertu toroq b'mod partikolari Triq il-Port u Triq il-Wied, ġewwa Marsalforn, il-Kunsill ma joħroġx permessi għal lifters, krejn, etc. Hu tenna jekk ikun hemm permess f'dawn it-toroq imma mhux quddiem imwejjed tar-ristoranti, jiġi ċċekjat każ b'każ. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

20.6.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Sandra Grech ressqet dawn il-punti:

- Daħlilha ilment mingħand is-Sur G. Cefai għal-*water culvert* minħabba l-fatt li l-ilma tax-xita qed jinżel fil-binja tiegħu u f'ta maġenbu. Is-Sur Sindku qal li qabel ix-xita dik il-filata ma' kinitx qegħda hemm. Hu staqsa fejn se jiżbokka dan il-*culvert*. Is-Sur Baskal Saliba tenna li jiżbokka quddiem tiegħu stess. Is-Sindku wieġeb li aħjar il-Kunsill ikellem lil Perit biex imur jara fuq il-post. Kien hemm qbil.
- Talbet biex isir *refreshing* taż-*zebra crossing* fi Triq il-Qbajjar u dik ta' Triq ir-Rabat ħdejn il-*Crystal Palace*. Kien hemm qbil.
- Talbet biex isir *patching* f'ħofra fit-telgħa ta' Triq ix-Xtut. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.
- Talbet aġġornament fuq it-tabelli ta' l-uffiċċju tal-Kunsill ġewwa Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-Kunsill qed jistenna n-*no objection* min-naħħa ta' Transport Malta.
- Talbet aġġornament fuq il-bandla mkissra fil-Ġnien *Three Hills Garden*. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din ilha rrapurtatha lil

Ministeru għal Għawdex żmien twil. Kien hemm qbil li jintbagħat *reminder.*

- Talbet aġġornament fuq il-*parking spaces.* Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kif kien hemm qbil bejn il-membri, il-Perit ilesti l-pjanta ta' Triq ix-Xagħra u Triq Għar Qawqla u l-Kunsill jibgħat talba waħda lil Transport Malta li tkun tinkludi ż-żewġ triqat.
- Talbet biex il-Kunsill jibgħat talba lid-Dipartiment ta' Eko-Għawdex biex tinbaraxx il-paletta għax hi perikoluża. Kien hemm qbil. Is-Sur Sindku informa wkoll lil dawk preżenti li dakinhar filgħodu ikkuntattjawh tal-*Beach Cleaning* li kienu se jibdew jaqilgħu xi slielem tal-baħar.
- Tenniet li meta l-Kunsill jkun qabel li jagħmel xi biċċa xogħol, ikun importanti li jkun hemm sforz kollettiv, bħal rigward l-ilma ta' Triq il-Qbajjar. Hi tenniet li dan l-ilma żdied ħafna tul dawn il-jiem u tistħi toħroġ mid-dar. Hi qalet li ħabbtet il-bibien ta' kulħadd, sa' anke uffiċċjali mill-OPM kellmet. Is-Sur Nicky Saliba wieġeb li l-Kunsill qabbad il-ħaddiema biex l-għada filgħodu jingħata s-siment f'dawk il-ħofor. Hu tenna ukoll li anke għamel pass kif seta', u tefa l-ilma ġo sifjun tad-drenaġġ, imma sfortunatament sid il-blokka reġa qala' l-katusa. Nqalgħu l-irwiefen kollha u reġa kollox bħal qabel. Hu tenna li s-sid qallu li jew ibgħati kulħadd jew igawdi kulħadd. Is-Sinjura Sandra Grech issuġġeriet biex il-Kunsill iħajjar lil sid il-blokka jieħu passi legali kontra dawn in-nies. Hi tenniet li kulħadd qed ifarfar u dan mhux sew. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba tenna li l-Kunsill anke irċieva Mistoqsija Parlamentari fuq din il-problema. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa biex il-Kunsill joħroġ stqarrijia u juri li qed jagħmel dak kollu possibli u anke qed jagħmel pressjoni fuq l-awtoritajiet. Kien hemm qbil mill-maġġoranza tal-membri (is-Sinjura Sandra Grech, is-Sur Daniel Cordina u s-Sur Baskal Saliba) li tinħareġ din l-istqarrija. Is-Sindku tenna li jixtieq li l-Kunsill isib kompromess ma' l-awtoritajiet. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti, s-Sindku ssuġġerixxa li kif tidher l-affari, il-Kunsill għandu jitlob lill-Avukat tal-Kunsill biex jikteb stqarrija u tiġi ċċirkolata mal-membri preżenti. Is-Sur Baskal Saliba ssuġġerixxa li l-Kunsill jikteb stqarriija, tintbagħat lid-Dipartimenti konċernati kollha u jekk fi żmien xahar jibqa' kollox l-istess tintbagħat lill-kmamar tal-aħbarijiet. Il-Viċi Sindku ssuġġeriet li biex qabel ma' toħroġ l-istqarrija, l-Kunsill jikteb jew jinforma lid-Dipartiment għal-Gvern Lokali bl-azzjoni li se jieħu. Ma kienx hemm qbil minn dawk

preżenti fuq din l-aħħar proposta.

- Talbet aġġornament fuq it-taraġ tal-możajk. Kien hemm qbil li jintbagħat *reminder* lis-Sinjura Portelli.
- Infurmat li r-*railing* ta' l-injam fi Triq il-Wied għadu mkissier. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat *reminder* lil Ministeru għal Għawdex.
- Infurmat li hemm il-*merry-go round* tal-*Playingfield* tal-Qbajjar mkissra u ta' periklu. Is-Sindku wieġeb li ġa rrapurtata lil Ministeru għal Għawdex.

20.6.4 Il-Kunsillier s-Sur Baskal Saliba ressaq dawn il-punti:

- Informa lil dawk preżenti li fi Triq il-Mungbell hemm bozza maħruqa. Kien hemm qbil biex tiġi rrapurtata lill-kuntrattur.
- Talab aġġornament biex fi Triq Frank Debono ikun hemm aktar dawl fit-Triq. Is-Sindku wieġeb biex naraw f'hiex wasal il-proċess.
- Talab aġġornament fuq id-dwal tal-*bollards* fi Triq Oniċi u d-dawl tal-*parking* ta' Marsalforn. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li se jerġa jibgħat *reminder* lill-kuntrattur.
- Reġa semma l-kundizzjoni tat-Triq iż-Żebbuġ. Is-Sindku wieġeb li din ġa ġiet diskussa qabel fil-laqgħa.
- Talab aġġornament fuq it-tindif tal-passaġġ ta' Quċċat. Issuġġerixxa l-Kunsill jistax iqabbad kuntrattur ieħor? Is-Sindku wieġeb biex nerġgħu niċċekkjaw.
- Informa lil dawk preżenti li fadal biċċa mix-xibka tas-sies fi Triq iż-Żebbuġ għadha mikxufa. Il-Viċi Sindku fakkrek biex jinqata' l-ħaxix tat-taraġ. Is-Sindku ssuġġerixxa biex aħjar ma jintmess xejn għalissa għax hemm kwistjoni fuq xi bejgħ.
- Talab aġġornament fuq it-talba għal *traffic management* ħdejn l-iskola Is-Sindku wieġeb biex nibgħatu *reminder* lil Perit tal-Kunsill.
- Talab aġġornament fuq it-talba għal-sellum temporanju ħdejn il-Menqa u dik għal *showers* ta' ħdejn l-Otters. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa bagħat dawn it-talbiet. Kien hemm qbil biex jintbagħat *reminder*.
- Informa li s-sezzjoni tal-Minuti fuq il-websajt tal-Kunsill m'humiex aġġornat. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li d-Dipartiment bidel il-*link* u se tiġi aġġornata.
- Informa lil dawk preżenti li l-*patching* li kien talab fi Triq il-Knisja kien għadu ma sarx. Is-Sindku wieġeb biex il-Kunsill jiċċekkja mal-ħaddiema u jsir.

- Talab aġġornament fuq it-talba għall-*water culvert* fi Triq is-Salini fuq in-naħħa ta' ġewwa ta' l-appartamenti fejn tispicca t-triq. Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba wiegeb li dik it-triq għad trid tingħata t-tieni kisja ta' tarmac. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill jiċċekja mal-Perit.
- Issuġġerixxa biex issir xi tabella li tkun tista' tinqala fejn il-garaxxijiet fix-Xwejni, biex il-karozzi ma jibqux deħlin sa ġew. Kien hemm qbil li jintbagħat *reminder* lil Transport Malta.
- Issuġġerixxa biex mill-flus li forsi jibqa' minn Triq Għajn Mhelhel, jittieħdu għal parti tat-triq ta' quddiem Opal fi Triq il-Ponta u ħdejn ta' il-parti ta' ħdejn is-Sur K. Sultana. Is-Sindku tenna li l-parti ta' quddiem ir-residenza Opal, il-Kunsill ma' kienx iddeċieda li ssir minn hemm. Is-Sur Baskal Saliba tenna kif se nibqgħu fuq din it-triq. Is-Sur Daniel Cordina tenna li din trid tittranġa. Is-Sur Baskal Saliba qal li ilu jħambaq fuqha u jrid risposta. Wara battibekk, is-Sur Nicky Saliba tenna li fuq din il-parti tat-triq il-Kunsill qed jistenna li jirċievi mingħand il-Bord għal Governanza tajba. Is-Sur Daniel Cordina ssuġġerixxa jekk il-Kunsill jistax jibgħat talba lil Ministeru. Is-Sindku wieġeb li hawn toroq ħafna agħar minnha, bħal Triq Sant Indrija, Triq Għajn Mhelhel, Triq Skapuċċina, Triq is-Salini u oħrajn. Is-Sinjura Sandra Grech qalet li ġewwa Marsalforn biss hemm toroq ħafna aktar agħar u disastrużi minn dik. Is-Sur Daniel Coridina saħaq li meta ssir laqgħa mal-Ministeru għal Għawdex jisħaq li l-Kunsill m'għandux ikun injorat.
- Rigard bozza ġdida fi Triq ir-Rabat, Marsalforn li qatt ma saret. Hu tenna li r-residenta tirċievi telefonata mill-Ministeru li se jamgħmluha huma u l-Kunsill ma ssemma mkien. Hu saħaq li dan mhux sew, wara x-xogħol li għamel rigward din il-bozza. Hu tenna li l-bozza xelgħet u l-Kunsill lanqas biss kien infurmat.
- Is-Sur Nicky Saliba informa lil dawk prezenti li għadha kemm daħlitlu informazzjoni li l-persuni barranin ta' kulur skur minn Marsalforn għaqdu tim tal-futbol fit-tielet diviżjoni tal-MFA u l-logħob se jintlagħab Għawdex. Hu tenna li dan mhux sew, għax meta ż-żgħażagħ ta' Marsalforn kienu talbu biex jiffurmaw tim tal-futbol ma kinux aċċettaw. Is-Sur Daniel Cordina qal li dik kienet proposta ta' l-eks Kunsillier Victor Axiaq. Is-Sur Danel Cordina tenna biex il-Kunsill joqgħod attent biex ma' jinstemax li hu razzist. Is-Sindku ssuġġerixxa biex jinstabu l-minuti u jibgħat lil GFA għalfejn dawn ma' ġewx aċċettati. Is-Sur Baskal Saliba tenna biex

noqgħodu attenti qabel nibgħatu xi haga, u naraw hux uffiċċjali, għax illum kulhadd jista' jilgħab logħob ta' ħbiberija.

- Talab biex il-bankini fi Triq il-Forn, jittranġaw u jiġu livellati aħjar. Is-Sindku ssuġġerixxa biex isiru mill-Fondi tal-DPF. Kien hemm qbil.
- Talab aġġornament fuq Triq il-Wied. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill bagħat kemm il-darba lil Transport Malta. Issuġġerixxa biex jintbagħat *reminder* u ssir aktar pressjoni.

## 20.7 Korrispondenza, ilmenti / suġġerimenti

20.7.1 Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar applikazzjoni ta' parket riservat ta' Ms E. M. Mifsud Bondin. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.2 Korrispondenza mingħand Transport Malta dwar applikazzjoni ta' parket riservat ta' Ms M. Tabone. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.3 *Risk Assessment Report* mingħand l-Ing. M. Falzon dwar il-bandi tal-Promenade tal-Qbajjar, Marsalforn. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.4 *Risk Assessment Report* mingħand l-Ing. M. Falzon dwar il-bandi tal-Virtu', iż-Żebbuġ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.5 Ittra Uffiċċjali mingħand *Elmo Insurance Limited* rigward inċident ta' siġra li seħħ f'Awwissu 2019. Is-Segretarju Eżekuttiv tenna li fuq struzzjonijiet tas-Sindku bagħat din l-ittra lil Avukat tal-Kunsill għal risposta min-naħħa tal-Kunsill.

20.7.6 Korrispondenza mingħand is-Sur D. Ciappara rigward Premju Anzjanita' Attiva. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.7 Rapport *Bathing Water Site Classification Report for Week 12* mingħand *Water Regulatory and Auditing Unit.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.8 Ċirkulari AKL 2020/091 – *BOV upload payment file.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.9 Ċirkulari AKL 2020/059 – *Active Ageing and Community Care*

*Application.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.10 Ċirkulari AKL 2020/092 – *European Mobility Week Documents.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.11 Ċirkulari AKL 2020/093 – *Training and capacity building opportunities for CLGF Mayors.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.12 Rapport *Bathing Water Site Classification Report for Week 10* mingħand *Water Regulatory and Auditing Unit.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.13 Ċirkulari AKL 2020/094 – *Illum ma' Steph* – Stedina lill-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.14 Korrispondenza mingħand *Europe Direct Gozo* dwar *Youth 4 Entrepreneurship Gozo Event.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.15 Direttiva DLG 4/2020 – L-użu tal-Internet Banking. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.16 Direttiva DLG 5/2020 – Depożitu ta' Flus fil-banek. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.17 Ċirkulari AKL 2020/096 – Minuti Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru. 36. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.18 Ċirkulari AKL 2020/089 – *Entente Florale Europe*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.19 Direttiva DLG 6/2020 – Ammont dovut lir-Reġjuni. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.20 Korripsondenza mingħand Is-Sa. L Camilleri De Bono rigward *Christimas in Gozo tentative 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.21 Ċirkulari AKL 2020/097 – Ġbir ta' ħġieġ riċiklabbli. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.22 Korrispondenza mingħand EUPA rigward *New 2020 call for*

*applications*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.23 Korripsondenza mingħand Is-Sa. L Camilleri De Bono rigward *Cultural Calendar*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.24 Ċirkulari AKL 2020/099 – *Cleaner Vehicles LCA Report*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.25 Ċirkulari AKL 2020/100 – Ġbir ta' Ħġieġ - Skemi. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.26 Ċirkulari AKL 2020/095 – Tindik ta' culverts tal-ilma tax-Xita. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.27 Korrispondenza mingħand is-Sur D. Ciappara rigward Applikazzjonijiet għall-Premju Soċjeta' Ġusta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.28 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea rigward *Life Integrated Projects: promotion & EASME support*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.29 Korrispondenza mingħand Is-Sa. S Agius mid-Dipartiment għal Gvern Lokali dwar Tilqima kontra l-Influwenza lill-persuni li huma *homebound*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.30 Ċirkulari AKL 2020/101 – Ġbir ta' informazzjoni fuq latrini pubbliċi fil-lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.31 Korrispondenza mingħand is-Sa. F. Mizzi dwar *Analysing the priorities of local councils towards green urban spaces with a focus on community gardens.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.32 Korrispondenza mingħand Wasteserv rigward *European Week for Waste Reduction 2020*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.33 Korrispondenza mingħand MEUSAC rigward Sessjoni ta' informazzjoni mill-MEUSAC dwar il-fondi tal-EU. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.34 Korripsondenza mingħand Is-Sa. L Camilleri De Bono rigward *CleanUp Event*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.35 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex rigward Taħriġ b'rabta mal-Proġett – Provvediment ta' Żvilupp u Implimentazzjoni ta' Strateġiji Kulturali għall-Kunsilli Lokali u Kunsilli Reġjonali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.36 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *Questionnaire on Green Urban Spaces*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.37 Korrispondenza mingħand is-Sa. J. Cassar rigward *Twin-City Protocol Buca Turkey*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.38 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex rigward *Pink October Campaign*. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li tinxtgħel il-faċċata tal-Kunsill kulur roża bħas-sena li għaddiet.

20.7.39 Korrispondenza mingħand is-Sa. S Agius mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Komunikazzjoni dwar l-Inizzjattiva tal-WIFI4EU. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.40 Korrispondenza mingħand Dr D. Camilleri minn Transport Malta rigward Tneħħija ta' Tabelli mit-Toroq mingħajn Permess ta' Transport Malta. Il-Viċi Sindku staqsiet dawn min qed jaqlahom. Is-Seg Ezek wiegeb li ta' TM stess. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.41 Korrispondenza mingħand is-Sur F. Galea mid-Dipartiment għal Gvern Lokali rigward *Fully Digital European Week of Regions and Cities – Registration Open unitl 27th September 2020*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.42 SPI.SCI.3.2020 – Finanzjament ta' Proġetti Kapitali. Aċċessibilita' u Mobilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u kien hemm qbil li japplika għal-7 *seater* van/minibus li tkun aċċessibli għall-persuni b'diżabilita'. Il-Viċi Sindku staqsiet id-Dipartiment kemm se jagħti fondi. Is-Segretarju Eżektuttiv tenna li d-Dipartiment se jiffinanzja massimu ta' 85% tal-ammont.

20.7.43 Ċirkulari DLG 07/2020 – Komunikat dwar ħruġ ta' permessi mill-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.44 Korrispondenza mingħand MEUSAC rigward *Online Conference: Post-2020 – R&I Challenges and opportunities in the EU and Malta.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.45 Ċirkulari AKL 2020/103 – *Organic Waste Collection Invoice Status for 2020.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.46 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward Għażla ta' Kotba – Proġett Librerija fil-Lokalita'. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li l-Kunsill jitkellem mal-librara biex tara x'inhuma l-aħjar temi għal-librerija tal-Kunsill.

20.7.47 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward Reviżjoni tal-Kapitolu 409 – Att Dwar Servizzi tal-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.48 Korrispondenza mingħand l-ERA rigward *Invitation – Stakeholder meeting on amendments related to EIAs.* Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.49 Ċirkulari AKL 2020/104 – Siti ta' devoluzzjoni għand il-Kunsilli Lokali. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.50 Ċirkulari AKL 2020/105 – Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.51 Ċirkulari AKL 2020/106 – Minuti – Laqgħa tal-Eżekuttiv Nru 37. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.52 Ċirkulari AKL 2020/107 – *Permanent Measure Competition – De Minimis Form*. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.53 Ċirkulari AKL 2020/108 – Il-Festa bħala Wirt Intanġibli Dinji. Il-Kunsill innota l-kontenut u qabel li tintbagħat din l-ittra.

20.7.54 Korrispondenza mingħand is-Sur G. Refalo mir-Reġjun Għawdex, rigward Korsijiet akreditati fuq Livell minn MQF 4 sa MQF 7. Il-Kunsill innota l-kontenut.

20.7.55 Is-Sindku ppreżenta ukoll talbiet mingħand is-Sna. Liliana Borg għall-

approvazzjoni tal-*Qualification Allowance* u tal-*vacation leave* biex iġġeddu mill-kuntratt ta' qabel, datati 24 ta' Awwissu 2020. Kien hemm qbil minn dawk preżenti li dawn jiġġeddu.

20.7.56 Is-Sindku ppreżenta lill-membri tal-Kunsill ittri mill-impjegati Frances Cefai, Joanne Grima, Micheline Cutajar, Liliana Borg kif ukoll ittra mis-Segretarju Eżekuttiv sabiex il-bilanċ ta' *vacation leave* li ser jibqa' minn tas-sena 2020 jiġi akkumulat u mġedded għas-sena 2021. Frances Cefai se jkun baqalha 106.5 sigħat, Joanne Grima 104.25 sigħat, Micheline Cutajar 70.75 sigħat, Liliana Borg 93.75 sigħat, filwaqt li s-Segretarju Eżekuttiv 243 siegħa, biex jiġġeddu għas-sena 2021. Ir-raġuni li ser jibqa' dan il-leave hu minħabba pressjoni tax-xogħol. Il-membri tal-Kunsill approvaw dan bil-kundizzjoni li l-Kunsill jibqa' għaddej bil-ħidma tiegħu u li dan il-*vacation leave* jekk jista' jkun jittieħed sa nofs is-sena 2021.

20.7.57 Ilment Nru. 75/2020
Titlob biex isir *disabled parking* quddiem ir-residenza, St Mary, Triq Lampuka, Żebbuġ Għawdex. Kien hemm qbil li din it-talba tintbagħat lil Transport Malta.

20.7.58 Ilment Nru. 76/2020
Jitlob biex issir katina fi Triq Ulisse min-naħħa tal-BOV biex ma' jidħlux vetturi minn din it-triq. Jitlob ukoll biex issir *Loading / Unloading parking bay* għal *Neptune's Supermarket* fejn kien hemm id-*double yellow lines* kif jidher fir-ritratt. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat dawn iż-żewġ talbiet lil Transport Malta.

20.7.59 Ilment Nru. 77/2020
Jitolbu sabiex isir *double yellow line* faċċata tal-garaxxijiet ta' Binja Rustica, Triq il-Ponta, iż-Żebbuġ. Qed isibuha diffiċli jdaħħlu l-karozzi tagħhom fil-garaxxijiet jekk ikun hemm il-vetturi pparkjati faċċata. Barraminhekk, meta jkun hemm karozzi pparkjati kull naħħa tat-triq, vetturi kbar ma' jkunux jistgħu jgħaddu kif jidher fir-ritratti annessi. Is-Sindku wieġeb li fuq din it-triq se jiġri bħal Triq Skapuċċina. Huwa tenna li fuq hemm se jastejni għax għandu kunflitt ta' interess. Ma' kienx hemm qbil bejn dawk preżenti.

20.7.60 Ilment Nru. 78/2020
Jitlob biex isiru *double yellow lines* mal-ġnub ta' żewġ garaxxijiet kif

indikat fir-ritratti annessi li jinsabu fi Triq il-Knisja, iż-Żebbuġ. Kien hemm qbil li jġib in-*no objection* minn ta' faċċata u tintbagħat talba lil Transport Malta.

20.7.61 Ilment Nru. 79/2020
Jirraporta kif il-mara tiegħu ġarrbet ġrieħi sostanzjali, punti u ksur f'saqajha t-tnejn meta niżlet minn fuq il-bankina quddiem ir-residenza nru 22, fi Triq il-Wied, Marsalforn u waqgħet ġo ħofra fit-Triq. Qed jitlob biex il-Kunsill jieħu azzjoni minnufih biex tittranġa din il-ħofra; jitlob biex il-Kunsill jerfa' ir-responsabbilita' għad-danni li l-mara u l-familja tagħha qegħdin isofru, inkluż spejjeż tal-mediċini, il-fatt li l-mara spiċċat mingħajr impjieg għall-ġimgħat ta' wara u l-fatt li l-btala tagħhom ġewwa Għawdex ġiet rovinata. Kien hemm qbil li dan ir-resident jieħu parir legali. Ma' kienx hemm qbil li jingħata dan il-kumpens.

20.7.62 Ilment Nru. 80/2020
Titlob sabiex isir *double yellow line* quddiem il-*waste deposit store* tal-blokka, 'Tal-Perit Court', fi Triq il-Lifurna, Marsalforn, peress li qed jipparkjaw quddiemha u l-iskart mhuwiex jinġabar. Dan il-*waste deposit store* sar minħabba l-problema ta' skart li hemm f'din iż-żona. Is-Sur Daniel Cordina tenna li hi inizzjattiva tajba hafna. Kien hemm qbil biex il-Kunsill jibgħat din it-talba lil Transport Malta.

20.7.63 Ilment Nru. 81/2020
Tilmenta fuq vetturi pparkjati fit-telgħa l-wieqfa ta' Triq Għajn Mhelhel, kif jidher fir-ritratti annessi. Dawn qed joħolqu inkonvenjent u diffikultajiet għar-residenti biex idaħħlu u joħorġu l-karozzi tagħhom għax it-triq wieqfa u m'hemmx wisgħa fejn wieħed jista' jieqaf u jimmanuvra l-karozza. Tilmenta wkoll illi qed jiżdied is-sewqan eċċessiv. Titlob lill-Kunsill sabiex meta jitlesta x-xogħol li għaddej f'din it-triq jitwaħħlu tabelli tat-traffiku u jsiru sinjali sofor mal-art fejn hemm bżonn. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ġa bagħat talba lil Transport Malta. Kien hemm qbil li l-Kunsill jerġa jibgħat *reminder.*

20.7.64 Ilment Nru. 82/2020
Jitolbu biex tinqala l-bankina u r-rampa kif immarkat fuq is-*site plan*, fil-promenade ta' fuq l-Otters fi Triq Sta. Marija, Marsalforn, peress li *wheelchair* jew *pram* ma ddurx biex tinżel ir-rampa. Qed jissuġġerixxu biex din il-parti tiġi ċatta mat-triq. Qed jitolbu ukoll biex isiru żewġ

*rubbish bins* fil-Wied ta' Marsalforn u jitranġa l-bank li hemm. Kien hem qbil li nitkellmu mal-Perit.

20.7.65 Ilment Nru. 83/2020
Jagħmel suġġeriment biex isiru żewġ tabelli *NO LEFT TURN* kif hemm indikat fil-pjanta annessa, peress li karozzi qegħdin jinżlu *wrong way* minn Triq il-Plejju għal Triq il-Wied. L-istess qed jiġri minn wara l-istess latrina, fejn qed jinżlu l-isfel għal Triq il-Plejju. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill jibgħat din it-talba lil Transport Malta.

20.7.66 Ilment Nru: 84/2020
Jitlob kumpens għall-ħsara li saret lill-karozza tiegħu fi Triq il-Forn, Marsalforn. Is-Sur Daniel Cordina staqsa t-tabella fejn hi postha? Kien hemm qbil li dan ir-resident jieħu parir legali. Ma' kienx hemm qbil minn dawk preżenti li jingħata dan il-kumpens.

20.7.67 Ilment Nru: 85/2020
Jitlob biex isir *reserved parking* quddien il-blokka bini, Hillock, Triq il-Qolla s-Safra, Marsalforn, peress li quddiem din il-blokka hemm installat *water irrigation well* u jintuża ukoll għall-emerġenza ta' nirien bħala *fire point* kif indikat fil-pjanta annessa. Kien hemm qbil minn dawk preżenti biex il-Kunsill jibgħat din it-talba lil Transport Malta.

20.7.68 Ilment Nru: 86/2020
Qed jissuġġerixxi biex il-*water culvert* li hemm ħdejn il-bini tal-FSWS (f'nofs it-triq) jiżdied miż-żewġ naħħat biex ikun jiflaħ għall-massa ta' ilma li tinżel minn din it-triq għax fix-Xitwa dawn il-garaxxijiet li jinsabu taħt, jimtlew bl-ilma. Is-Sindku wieġeb li dan l-ilment ġa ġie diskuss qabel fil-laqgħa.

20.7.69 Ilment Nru: 87/2020
Titlob biex kull proprjeta' fil-kera tiġi kostretta twaħħal *hooks* fuq barra ħalli r-residenti jdendlu l-boroż tal-iskart tagħhom magħhom. Titlob biex is-sidien tal-proprjeta' fil-kera jiġu kostretti jwaħħlu tabelli li javżaw biex tiġi rispettata l-liġi rigward ħsejjes eċċessivi għallinqas wara l-11pm; biex ir-residenti jdendlu l-boroż tal-iskart tagħhom mal-*hooks* tagħhom qabel jitilqu; biex ma jħallux il-ħmieġ tal-annimali fit-triq iżda jiġbruh ġol-boroż tal-iskart u jdendluh mal-*hooks* jew inkella jarmuh fil-*bins* tal-klieb. Is-Sindku tenna li l-Kunsill ma' jistax iwaħħal

*hooks* għall-boroż taż-żibel u fuq it-temi l-oħra l-Kunsill m'għandux jidħol f'affarijiet privati.

20.7.70 Ilment Nru: 88/2020
Jitlob biex isiru *double yellow lines* fil-kantuniera kif tidħol minn Triq ir-Rabat, Marsalforn mal-*pumping station* sabiex vettura tkun tista' tidħol għal dik it-triq fil-Wied. Kien hemm qbil li l-Kunsill jibgħat din it-talba lil Transport Malta.

## 20.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti

20.8.1 Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 15/2020 għall-perjodu bejn it-8 ta' Awwissu 2020 u t-18 ta' Settembru 2020 li tammonta għal €71,204.48 ġiet approvata u ffirmata.

## 20.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

20.9.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-7.15 ta' filgħaxija u bi qbil unanimu ġiet aġġornata għat-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020 fil-5.15 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum it-Tlieta, 27 ta' Ottubru 2020.

Nicky Saliba
Sindku

Neville Galea
Segretarju Eżekuttiv